MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2015

Appell Civili Numru. 804/2008/1

**Annamaria Spiteri Debono f'isimha proprju u bħala prokuratriċi ta' oħtha Kontessa Caren Preziosi**

***v.***

**Baron Salvino Testaferrata Moroni Viani, Marchioness Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq, Jane Testaferrata Moroni**

**Viani, Caroline Zammit Testaferrata Moroni Viani, Peter Paul Testaferrata Moroni Viani, Paul Stephen Testaferrata Moroni Viani, *GasanMamo Insurance Limited (C3143)*; u b'digriet tat-18 ta' Novembru 2009 Christopher Testaferrata Moroni Viani u Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani ġew awtorizzati jintervjenu fil-kawża *in statu et terminis***

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fis-26 ta' Mejju 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li ċaħdet talba tagħhom biex titħassar kirja magħmula mill-kompussessuri ta' proprjetà li l-atturi għandhom sehem minnha u laqgħet kontro-talba tal-konvenuti biex il-qorti tawtorizza l-istess kirja.

2. Il-fatti relevanti huma dawn: l-atturi għandhom sehem mhux maqsum minn proprjetà fil-Gżira. Uħud mill-konvenuti krew il-proprjetà lis-soċjetà konvenuta *GasanMamo Insurance Limited* ["*GasanMamo*"] b'kitba tat-12 ta' Mejju 2003. Billi jgħidu illi l-kiri sar mingħajr il-kunsens tagħhom l-atturi fetħu l-kawża tallum biex jitolbu illi l-qorti (i) tħassar il-kiri u (ii) tordna l-iżgumbrament ta' *GasanMamo*. Il-konvenuti kompussesuri ħlief il-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq opponew it-talba u *GasanMamo* wkoll opponiet it-talba tal-atturi.

3. Il-konvenuti kompussessuri b'rikonvenzjoni ressqu wkoll kontro-talba biex il-qorti "tawtorizza u tikkonferma b'sentenza" l-kirja. L-atturi

ikkontestaw il-kontro-talba kemm għax, fil-fehma tagħhom, it-talba ma setgħetx issir b'rikonvenzjoni u wkoll għax igħidu illi l-kirja ma għandhiex tiġi awtorizzata.

4. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-atturi u laqgħet il-kontro-talba, b'dan illi l-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet, wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "Illi kif jidher ċar mill-att promotur l-atturi qed jilmentaw minn kirja li saret mill-konvenut il-Baruni Salvino Testaferrata lis-soċjetà konvenuta tal-proprjetà in kwistjoni minħabba li din saret mill-istess konvenut waħdu u mingħajr il-kunsens tagħhom.
>
> "Illi mingħajr dubju ż-żewg disposizzjonijiet rilevanti għal din il-kawża huma l-artikolu 1527 u 1528 tal-Kap. 16 kif kienu meta ġiet intavolata l-kawża. Il-qorti qed tagħmel ċar dan il-punt għaliex fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi hemm riferenza għal disposizzjonijiet illi daħlu fis-seħħ fl-2009 u allura wara illi saret il-kirja in kwistjoni u wara li ġiet intavolata l-kawża.
>
> "Illi l-artikoli in kwistjoni kienu jgħidu illi:
>
>> ""**1527.** Il-kiri li jsir minn wieħed mill-kompossessuri tal-ħaġa, mingħajr il-kunsens ta' xi wieħed mill-kompossessuri l-oħra, jista' fuq talba ta' dan il-kompossessur l-ieħor jiġi annullat, kemm-il darba din it-talba ssir fi żmien xahrejn minn dakinhar li dan il-kompossessur ikun sar jaf b'dak il-kiri.
>>
>> ""**1528.** Il-qorti tista' fuq talba ta' wieħed mill-kompossessuri tal-ħaġa ... tagħti l-awtorizzazzjoni msemmija fl-aħħar artikolu qabel dan, meta jinsab li l-ħaġa hija tajba biex tinkera u illi l-kiri propost huwa ta' ġid u basta li ma jinsabx li xi wieħed mill-komposessuri l-oħra għandu raġuni tajba biex jopponi dak il-kiri."
>
> "Illi għalhekk fil-fehma tal-qorti jkun għaqli u prattiku li wieħed jeżamina l-ewwel il-kontro-talba għaliex jekk fil-fehma tal-qorti din għandha tintlaqa', l-eżami tal-kumplament tal-vertenza jkollu jieqaf.
>
> "Illi f'dan ir-rigward sa issa l-aktar sentenza dettaljata hija dik mogħtija minn din il-qorti fit-12 ta' Diċembru 1957 fl-ismijiet Giuseppa Cachia *et v.* Stella Attard. Ta' min igħid hawnhekk illi din il-kawża saret wara li *"uħud mill-kompropjetarji kienu okkupaw il-fond komuni u talbu li l-qorti tawtorizżżahom ikomplu jiddetjenuh b'titolu ta' lokazzjoni malgrado l-oppożizzjoni ta' wħud mill-kompropjetarji l-oħra"*. Il-qorti laqgħet it-talba *"għaliex ma rriżultalhiex illi l-fond ma kienx tajjeb għall-kiri; irriżulta li l-kiri kien vantaġġjuż, għax l-atturi riedu li l-kera tiegħu jiġi stabbilit mill-Bord tal-Kera u l-komproprjetarju jew il-komproprjetarji ma tax raġuni tajba għall-oppożizzjoni tagħhom."*

"Illi f'din il-kawża l-qorti ddeċidiet illi *"f'materja ta' lokazzjoni ta' fondi appartententi lil diversi proprjetarji l-liġi tikkontempla l-każ meta x'uħud mill-komproprjetarji ta' fond jikkonċeduh b'kera lil xi ħadd mingħajr il-kunsens ta' xi komproprjetarji jew tal-komproprjetarji l-oħra jew l-awtoriżżazzjoni tal-qorti fejn dawn tal-aħħar komproprjetarji jistgħu, meta jikkonkorru ċerti kondizzjonijiet, jitolbu li l-ċorti tannulla dik il-lokazzjoni u l-każ ta' komproprjetarju jew komproprjetarji ta' fond li jitolbu l-awtoriżżazzjoni tal-qorti in vista tan-nuqqas ta' kunsens da parti ta' xi komproprjetarji oħra, li jikru dak il-fond, jew li l-qorti tawtoriżża l-kirja li huma jkunu ġà għamlu ta' dak il-fond u dan fil-kontestazzjoni tal-komproprjetarji l-oħra opponenti, ċjoè li ma jkunux iridu jikri l-fond jew li ma jkunux iridu jirrikonoxxu l-kirja li tkun ġà saret fil-fond. Fl-ewwel każ, l-istanza tinġieb mill-komproprjetarji opponenti; mentri fit-tieni każ it-talba lill-qorti tista' ssir tant wara kemm qabel ma ssir il-lokazzjoni, u l-azzjoni tista' tirnexxi biss jekk il-fond hu tajjeb biex jinkera, il-kiri jkun vantaġġjuż, u l-komproprjetarji opponenti ma jkollhomx raġuni tajba biex jopponu dak il-kiri."*

"Illi din is-sentenza għalhekk tagħmilha ċara li l-kawża biex tintalab l-approvazzjoni tal-kirja tista' ssir wara li ssir il-kirja u għalhekk l-eċċezzjoni tal-attriċi fir-rigward ma hijiex ġustifikata legalment. Fir-rigward ta' jekk il-kirja hijiex vantaġġjuża għal partijiet, f'dan il-każ il-konvenuti ippreżentaw rapport (maħluf) *ex parte* tal-A.I.Ċ. Godwin Abela minn fejn jirriżulta li l-kirja hija vantaġġjuża, anzi mogħtija b'kundizzjonijiet aħjar minn dawk tas-suq. L-attriċi ma rribattietx din il-prova. Fil-verità jidher ċar li l-oppożizzjoni tal-attriċi ġejja mill-fatt li l-konvenut Salvino Testaferrata jamministra waħdu mingħajr indħil l-assi in komuni u ilu jagħmel dan għal żmien twil. Ladarba l-attriċi għandha din il-posizzjoni jkun xieraq li l-konvenut imsemmi jikkonsulta qabel ma jieħu xi passi rigwardanti dawn l-assi; madankollu din il-kawża hija dwar din il-kirja u l-qorti jidhrilha li ma hemm ebda raġuni legali għaliex ma għandhiex tapprovaha ladarba hija kjarament vantaġġjuża għall-partijiet. Fil-fatt l-unika raġuni li ġabet l-attriċi fin-nota ta' sotto-missjonijiet tagħha biex tannulla l-kirja kienet appuntu li hija ma kinitx preżenti għan-negozjati u għall-konklużjoni tal-kuntratt – iżda din ma hix raġuni tajba biżżejjed biex il-qorti ma tapprovax il-kirja u tilqa' t-talba tagħha għaliex kieku kien hekk ma kienx hemm bżonn tal-artikolu 1528 fuq imsemmi.

"Illi stabbilit dan il-qorti m'għandhiex għalfejn tidħol fil-kwistjoni ta' jekk għandhiex tilqa' t-talba attriċi, u allura se tiċħad it-talbiet fuq imsemmija."

5. L-atturi appellaw minn din is-sentenza b'rikors tal-10 ta' Ġunju 2011 li għalih uħud mill-konvenuti wieġbu fl-24 ta' Ġunju 2011, *GasanMamo* wieġbet fl-1 ta' Lulju 2011 u l-konvenuta Agnes Gera de Petri Testa-ferrata Bonici Għaxaq wieġbet fil-5 ta' Lulju 2011.

6. L-aggravju tal-atturi essenzjalment huwa illi t-talba taħt l-art. 1528 tal-Kodiċi Ċivili biex kompossessur jingħata s-setgħa li jikri l-ħaġa komuni minkejja l-opposizzjoni ta' kompossessur ieħor ma tistax issir b'ri-konvenzjoni iżda trid issir b'rikors maħluf li bih tinbeda kawża.

7. Dan l-aggravju fil-fehma ta' din il-qorti huwa ħażin u ma jistħoqqx illi jintlaqa' għal żewġ raġunijiet.

8. L-ewwel raġuni nsibuha fl-art. 396 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jirregola l-istitut tar-rikonvenzjoni. L-art. 396(*b*) igħid illi kontro-talba titqies "konnessa" mat-talba tal-attur, u għalhekk tista' ssir b'rikonvenzjoni, "meta l-iskop tal-kontro-talba tal-konvenut huwa li … b'kull mod … iġib fix-xejn l-azzjoni tal-attur jew li jimpedixxi l-effetti tagħha". Fil-każ tallum, kif kienet il-liġi fiż-żmien relevanti, kiri magħmul minn komproprjetarju mingħajr il-kunsens tal-komproprjetarji l-oħra jkun jiswa u ma jitħassarx jekk ikun awtorizzat mill-qorti; il-liġi ma kinitx tgħid illi l-awtorizzazzjoni kellha tinkiseb qabel ma jsir il-kiri.

9. Billi, jekk tingħata l-awtorizzazzjoni, il-kirja tkun tiswa u għalhekk "timpedixxi l-effetti" tat-talba tal-atturi, huwa evidenti illi t-talba għal awtorizzazzjoni setgħet saret b'rikonvenzjoni.

10. It-tieni raġuni hija illi l-art. 1527 tal-Kodiċi Ċivili ma jgħidx illi jekk il-kiri jkun sar mingħajr il-kunsens tal-atturi l-qorti *għandha* tħassar dak il-kiri iżda biss illi *tista'* tħassru. Dan ifisser illi l-eżami jekk il-kiri kienx vantaġġjuż u hemmx raġunijiet tajba għall-opposizzjoni seta' jsir fil-

kuntest tal-azzjoni ewlenija; ir-rikonvenzjoni strettament ma kinitx meħtieġa.

11. Billi fl-appell tagħhom l-atturi ma ressqux raġunijiet kontra d-deċiżjoni tal-ewwel qorti li l-kiri kien vantaġġjuż u li ma hemmx raġunijiet għall-opposizzjoni, l-appell ma jistax jintlaqa'.

12. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Billi iżda kien ikun aktar korrett illi l-konvenuti jiksbu l-kunsens tal-kom-possessuri kollha qabel, u mhux wara, li jagħtu l-proprjetà b'kiri, huwa xieraq illi l-ispejjeż kollha tal-ewwel grad iħallsuhom il-konvenuti ħlief il-konvenuta Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Għaxaq u *GasanMamo*. L-ispejjeż tal-appell iżda jħallsuhom l-atturi appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------